**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2086**

KAZ NRU. 2584

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Raymond Camilleri

u

Meli Car Rentals Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 27 ta' Gunju, 2011

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti fil-21 ta' Mejju 2008.

It-Tribunal zamm 11-il seduta.

Raymond Camilleri, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Alessia Zammit McKeon u Meli Car Hire Rentals Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Nazzareno Meli assistit mill-Avukati Reuben Farrugia u Maria Cardona.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li gie mkecci mix-xoghol minghajr raguni tajba u sufficienti skond il-ligi. Waqt it-trattazzjoni tal-kaz allega li gie mkecci ghaliex ma setghax jaghmel overtime minhabba ragunijiet medici.

Il-Kumpanija sostniet li t-tkeccija saret ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi. Dan ghaliex it-terminazzjoni sehhiet meta l-appellant talab gurnata leave biex imur ix-xalata ta' l-ghada tal-festa, din ma gietx approvata minhabba pressjoni ta' xoghol, hu stqarr li xorta mhux ser jattendi ghax-xoghol u fil-fatt ma attendiex.

L-appellant ikkontenda li hu kull sena kien jiehu gurnata leave l-ghada tal-festa u dejjem inghatatlu. Ghalhekk il-Kumpanija kienet taf tajjeb b'din ic-cirkostanza. Qal li ma kienx hemm pressjoni ta' xoghol kif sostniet il-Kumpanija u li r-raguni kienet ghax ma setghax jaghmel overtime minhabba li ma kienx jiflah joqghod zmien twil fuq saqajh.

Mix-xhieda jirrezulta li l-problema ta' saqajn l-appellant kienet ila tezisti mit-2000 jew mill-2002 u l-Kumpanija kienet accettat dan il-fatt u qatt ma gie ordnat jaghmel overtime bil-fors. Barra minn hekk jidher li xi drabi, meta kien hemm overtime, ghazel li jaghmlu. Din ghalhekk ma tistghax titqies bhala r-raguni li ghaliha gie terminat l-impieg ta' l-appellant.

Jirrezulta ukoll li kien hemm pressjoni ta' xoghol ghax kien riesaq is-sajf u kien anke qed jinhadem l-overtime. Kien hemm ukoll htiega li sa fejn hu possibbli leave ma jittiehedtx.

L-appellant kien talab gurnata leave u din ma gietx approvata. Hu ddikjara quddiem xhieda li, ghalkemm il-principal tieghu ma kienx approvalhu l-leave, xorta wahda ma kienx ser jattendi ghax-xoghol.

Hija hasra li mpjegat tajjeb ha din l-attitudni ma Kumpanija li sa dak in-nhar kienet ittrattatu tajjeb u accettat il-konsegwenzi tal-problema li kellu f'saqajh.

Il-ligi industrijali taghti protezzjoni lill-impjegati izda tippresupponi li haddiem ikun lejali, dixxiplinat u jqis l-ahjar interess tal-Kumpanija li timpjegah kif ukoll dawk tal-haddiema shabu.

Meta ddikjara li ghalkemm ma giex approvat il-leave xorta wahda ma kienx ser jidhol ghax-xoghol u hekk ghamel naqas serjament fid-dixxiplina, fir-rispett lejn il-principal u fl-obbligi tieghu lejn il-Kumpanija u lejn shabu.

Ghalkemm it-Tribunal jiddispjacih jara terminazzjoni ta' impieg ta' haddiem li kien ta snin ta servizz tajjeb lill-Kumpanija u din titlef is-servizz ta' min kien qdiha tajjeb, jifhem li principal ma jistghax jaccetta li haddiem jisfidah u joqghod ghaliha ghaliex haga bhal din tkisser id-dixxiplina, timmina l-awtorita' tieghu u taghmel hsara lill-Kumpanija.

It-Tribunal jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet.

Ghal-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 93 (tlieta u disaghjn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman